

Brussell, 15 ta' Ġunju 2017  
(OR. en)

10352/17

PUBLIC 37  
INF 109

## NOTA

---

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - JANNAR 2017

---

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Jannar 2017.<sup>1 2</sup>

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispejgazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

---

<sup>1</sup> Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi mwaqqfin minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

<sup>2</sup> Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument jinsab ukoll fis-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill f': [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

---

## INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'JANNAR 2017

### Proċedura bil-miktub konklufa fil-11 ta' Jannar 2017

#### ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT                                                                                                                                                                                                      | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/50 tal-11 ta' Jannar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali)<br>ĠU L 7, 12.1.2017, p. 18-19 | 15053/16                     |

### It-3513-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fis-16 ta' Jannar 2017

#### ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT                                                                                                                                                                                                            | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/83 tas-16 ta' Jannar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 12, 17.1.2017, p. 92-94                                         | 15590/16                     |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/77 tas-16 ta' Jannar 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 12, 17.1.2017, p. 24-25            | 15591/16                     |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/82 tas-16 ta' Jannar 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>ĠU L 12, 17.1.2017, p. 90-91 | 15713/16                     |

|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |                              |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/85 tas-16 ta' Jannar 2017 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteciġazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni<br>ĠU L 14, 18.1.2017, p. 2–3                                                                                         | 16152/14                     |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/189 tas-16 ta' Jannar 2017 dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-Sottokumitat ta' Ġestjoni Sanitarja u Fitosanitarja, is-Sottokumitat tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, fis-Sottokumitat Doganali u fis-Sottokumitat dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbiliti bis-saħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura ta' dawk is-Sottokumitati<br>ĠU L 29, 3.2.2017, p. 40-60 | 14372/16                     |
| Rapport Speċjali Nru 24/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u tiġi infurzata l-konformità mar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat fil-politika ta' koeżjoni"                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               | 5334/1/17 REV 1              |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   | 5131/17                      |
| <b>Proċedura bil-miktub konklufa fl-20 ta' Jannar 2017</b>                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |                              |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |                              |
| ATT                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 tal-20 ta' Jannar 2017 li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni<br>ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1-172                                                                                                                                                                                                                                                                                                          | 15706/16                     |

## **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri**

### **Rebekkini u raj**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħrfu l-ħidma tajba li wettaq il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Ilmijiet tal-Majjistral fl-iżvilupp tal-ġestjoni futura tar-rebekkini u r-raj.

Minbarra dan, huma jagħrfu li s-sistema attwali ta' ġestjoni tal-ispeċijiet kollha ta' rebekkini u raj taħt it-TACs ġeneriċi tista' tittejjeb biex tiġi indirizzata b'mod sħiħ il-ħtieġa ta' ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet vulnerabbli u stokkijiet li dwarhom hemm data limitata u biex ikunu jistgħu jiġu sfruttati b'mod sostenibbli l-ispeċijiet importanti mil-lat kummerċjali. L-involvement tal-Kunsill Konsultattiv huwa importanti għall-iżvilupp ta' miżuri effettivi ta' ġestjoni għar-rebekkini u r-raj. Minħabba l-ħtieġa li tiġi introdotta ġestjoni mtejbja ta' dawn l-istokkijiet, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistiednu lill-Kunsilli Konsultattivi biex iressqu, kmieni fl-2017, miżuri ta' ġestjoni ssuġġeriti sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu ppreżentati lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) fl-ewwel nofs tal-2017 għal valutazzjoni xjentifika.

L-Istati Membri ser jappoġġaw il-ġestjoni tar-rebekkini u r-raj billi jipprovdu għarfien espert u riżorsi għar-riċerka xjentifika meħtieġa, biex b'hekk jiġu żviluppati miżuri adatti fil-gruppi reġjonali tal-Istati Membri. Hemm għadd kbir ta' speċijiet ta' rebekkini u raj li jinqabdu bħala aċċessorji f'sajd ieħor. Għaldaqstant, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu ta' ħatt l-art, fl-2017 l-Istati Membri ser iwettqu l-ħidma meħtieġa bil-għan li jippreżentaw eżenzjonijiet ta' sopravivenza għal għadd ta' speċijiet ta' rebekkini u raj li jinqabdu b'mod aċċessorju. Dawn l-eżenzjonijiet ser ikunu appoġġati minn data xjentifika adatta u jiġu vvalutati mill-iSTECF.

## **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**

### **Flessibbiltà għall-istokkijiet tal-pollakkju**

Il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni xjentifika reċenti tindika l-possibbiltà ta' unità waħdanija ta' stokk li testendi miż-żona VII saż-żona VIIIabde. Il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex jivvaluta jekk il-pollakkju fiż-żoni VII u VIIIabde huwiex tal-istess stokk u jekk flessibbiltà akbar fiż-żona ta' 5% bejn daww iż-żoni tkunx konformi mal-approċċ prekawżjonarju. Filwaqt li ssegwi l-parir xjentifiku, il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-preżentazzjoni ta' proposti adatti.

### **Stokkijiet fil-Baħar Irlandiż**

Il-Kummissjoni tinnota li għal Frar 2017 huwa ppjanat punt ta' riferiment tal-ICES u ser teżamina l-valutazzjonijiet tal-aringsi, il-bakkaljaw il-merlangu, il-barbun tat-tbajja u l-merluzz tal-linja sewda. Abbażi ta' kwalunkwe parir sussegwenti maħruġ mill-ICES, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tagħmel proposti adatti għar-rieżami tat-TACs għall-istokkijiet rilevanti.

## **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, Spanja u l-Portugall**

### **Sawrell**

Il-Kummissjoni, Spanja u l-Portugall jinnotaw li hu ppjanat punt ta' riferiment tal-ICES għas-sawrell. Skont il-punt ta' riferiment, il-Kummissjoni, fejn xieraq, ser tipproponi TAC riveduta għall-2017, f'konformità mal-parir xjentifiku. L-Istati Membri kkonċernati ser jappoġġaw rieżami tat-TAC, f'konformità mal-parir xjentifiku, anki jekk dan jirriżulta fi tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd.

## **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**

### **Barbun u barbun komuni fiż-żoni IIa u IV**

Il-Kummissjoni talbet lill-ICES jikkonferma jekk it-tneħħija tat-TAC għall-barbun ikollhiex xi konsegwenza negattiva għall-istokk. Filwaqt li ssegwi l-parir xjentifiku, il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-preżentazzjoni ta' proposti adatti.

### **Barbun imperjali u barbun lixx fiż-żoni IIa u IV**

Il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES parir aġġornat fl-2017 u ser tikkunsidra li tressaq proposti adatti għal emenda matul is-sena għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2017.

### **Aringa fiż-żona VIa N/S**

Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex jittejjeb l-għarfien dwar l-istokkijiet tal-aringa fid-Diviżjonijiet VIa u VIIb,c, u l-isforz biex jiġi żviluppjat pjan ta' rkupru għal dawn l-istokkijiet. Ġiet adottata TAC fl-2016 biex tiġi appoġġata entità ta' sajd kummerċjali fuq skala żgħira biex tiġi ffaċilitata r-riċerka meħtieġa. Filwaqt li ssegwi l-evalwazzjoni tal-iSTECF ta' rapport mill-Istati Membri kkonċernati dwar din l-entità ta' sajd, il-Kummissjoni ser tikkunsidra kwalunkwe bidla adegwata għat-TACs stabbiliti.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, Spanja u l-Portugall****Inċova fi-żoni IX u X**

Il-Kummissjoni, Spanja u l-Portugall jinnotaw li l-istħarriġ akustiku Spanjol tal-ħarifa jagħti informazzjoni importanti dwar rekluti ġodda fil-Golf ta' Cadiz. Abbażi ta' din l-informazzjoni ġdida, il-Kummissjoni timpenja ruħha li titlob lill-ICES sal-31 ta' Marzu 2017 biex jagħti parir dwar jekk qabdiet ta' 15 000 tunnellata fl-2017, jew livell komparabbli, jistgħux jitqiesu bħala sostenibbli. Abbażi tal-parir tal-ICES il-Kummissjoni ser tikkunsidra jekk ikunx xieraq li tipproponi rieżami tat-TAC għal dak l-istokk.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni****Programmi għall-evitar tal-mazzola griża**

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi għall-evitar tal-mazzola griża simili għall-programm attwali li ġie introdott fl-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV. Jekk dawn il-programmi jiġu vvalutati b'mod pożittiv mill-iSTECF, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tagħmel proposta biex tinkludi TACs għal qabdiet aċċessorji inevitabbli fiż-żoni kkonċernati.

## **Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**

### **dwar speċijiet assoċjati li jinqabdu b'mod aċċessorju**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni ħadu nota tat-talbiet mill-Istati Membri biex ikunu previsti dispożizzjonijiet speċifiċi li jippermettu qabdiet aċċessorji f'sajd fejn l-ispeċijiet pelaġiċi jkunu fil-mira għall-istokkijiet li ġejjin:

- merluzz, minfaħ, merlangu, merluzz tal-linja sewda, bakkaljaw, pollakkju iswed, argentina silus, rebekkini, tusk, lingwata komuni, barbun tat-tbajja', barbun u kavall fl-Atlantiku tal-Grigal;
- merluzz, merluzz tal-linja sewda, minfaħ, u merlangu fis-sajd għall-kavalli fl-Atlantiku tal-Grigal;
- aringa fis-sajd għall-kavalli fiż-żoni IIIa u IV;
- minfaħ, merlangu, merluzz tal-linja sewda, bakkaljaw, pollakkju iswed, argentina silus, rebekkini, tusk, lingwata komuni, barbun tat-tbajja' u barbun fis-sajd għall-kavalli fiż-żoni VIIIc, IX u X;
- merluzz fis-sajd għas-sawrell fiż-żoni IVb, IVc u VIId u fis-sajd għas-sawrell fiż-żoni IIa-XIV;
- bakkaljaw, pollakkju iswed, argentina silus, rebekkini, tusk, lingwata komuni, barbun tat-tbajja', barbun u merluzz fis-sajd għas-sawrell fl-istokk tal-Punent (żona ewlenija);
- minfaħ, merlangu, merluzz tal-linja sewda, bakkaljaw, pollakkju iswed, argentina silus, rebekkini, tusk, lingwata komuni, barbun tat-tbajja', barbun u kavall fis-sajd għas-sawrell fl-istokk tal-Punent (żona VIIIc);
- minfaħ, merlangu, merluzz tal-linja sewda, bakkaljaw, pollakkju iswed, argentina silus, rebekkini, tusk, lingwata komuni, barbun tat-tbajja', barbun u kavall fis-sajd għas-sawrell fiż-żona IX;
- pollakkju iswed u kavall fis-sajd għall-aringi fiż-żona IIIa;
- pollakkju iswed u kavall fis-sajd għall-aringi fiż-żona IV;
- pollakkju iswed fis-sajd għall-aringa Atlantiku-Skandjani fiż-żoni I u II.

Peress li dawn il-qabdiet aċċessorji jsejtnu fis-sajd għal speċijiet li għadhom ma ġewx ivvalutati b'mod xjentifiku għall-fini tal-flessibbiltà bejn l-ispeċijiet, l-Istati Membri kkonċernati jintrabtu li jipprovdur lill-Kummissjoni sat-28 ta' Frar 2017 id-data ta' sostenn meħtieġa għal valutazzjoni xjentifika mill-ICES.

Fid-dawl tal-parir xjentifiku disponibbli, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tipproponi dispożizzjonijiet adatti għall-approċċ ġenerali dwar kwalunkwe speċi assoċjata li tinqabad b'mod aċċessorju fl-opportunitajiet tas-sajd, inkluż dwar il-flessibbiltà bejn l-ispeċijiet.

### **Laċċ ikħal fil-Baħar tat-Tramuntana**

Il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tipproponi emenda għat-TAC għal-laċċ ikħal tal-Baħar tat-Tramuntana, wara li tkun irċeviet parir mill-ICES f'April 2017 u qabel ma jibda l-istaġun tas-sajd.

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni u Franza**

#### **Spnott fin-Nofsinhar**

Iż-żamma fi stat tajjeb tal-istokk ta' spnott fin-Nofsinhar fil-Golf tal-Biskalja (id-diviżjonijiet VIIa u VIIIb tal-ICES) hija prijorità komuni tal-Kummissjoni u ta' Franza.

Bħala l-Istat Membru l-aktar ikkonċernat minn dan is-sajd, Franza ħadet l-inizjattiva li tistabbilixxi "sistema ta' ġestjoni" fuq livell nazzjonali.

Fil-fatt, b'digriet tal-24 ta' Novembru 2016, Franza diġà stabbiliet miżuri ta' ġestjoni li jinkludu:

- limitu annwali ta' qbid ta' 2 490 tunnellata bbażat fuq il-parir prekawzjonarju tal-ICES tal-25 ta' Awwissu 2015;
- żieda fid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni minn 36 għal 38 cm.

Franza timpenja ruħha biex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu kkompletati permezz ta' bilanċ tal-qbid fl-ewwel trimestru u biex tistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni komplementari sabiex jinżamm bilanċ bejn l-entitajiet ta' sajd.

Fl-2017 il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ser jerġa' jeżamina l-istat tal-istokk tal-ispnott fin-Nofsinhar. Franza timpenja ruħha biex tkompli l-ħidma mibdija mal-professjonisti u biex terġa' teżamina dawn il-miżuri ta' ġestjoni skont il-pariri xjentifiċi li jmiss.

Il-Kummissjoni tilqa' dawn l-impenji u tinsab lesta għal kooperazzjoni tajba f'dan ir-rigward.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni****Eżenzjoni għal ċerti bastimenti fis-sajd għall-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku tal-Punent**

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-urġenza tal-ħtieġa li jiġu proposti miżuri adatti dwar deroga mill-perijodu ta' għeluq għall-bakkaljaw tal-punent fis-suddiviżjonijiet 22, 23 u 24 tal-Baħar Baltiku mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha li tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-Baħar Baltiku u l-parir xjentifiku, biex temenda r-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-2017 l-oportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku sabiex tiżgura d-dħul fis-seħħ f'waqtu ta' din id-deroga.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill****Eżenzjoni għal ċerti bastimenti fis-sajd għall-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku tal-Punent**

Il-Kunsill jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni u ser jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jeżamina u jiffinalizza d-diskussjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni mill-iktar fis possibbli, bil-għan ta' konklużjoni qabel l-1 ta' Frar 2017.

**Dikjarazzjoni mill-Kroazja u l-Italja****Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM)**

Il-Kroazja u l-Italja għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-flotta tagħhom ma taqbiżx il-livell ta' qabdiet għall-ħut pelaġiku żgħir tal-2014 kif irrappurtat f'konformità mar-Rakkomandazzjoni GFCM/33/2009/3 dwar l-implimentazzjoni tal-Kompitu 1 tal-GFCM.

**Dikjarazzjoni mill-Portugall****Raja ondjata**

Il-Portugall jintrabat li jipprovdi lill-Kummissjoni data aġġornata dwar il-qabdiet u l-isforz sat-30 ta' April 2017, għal rieżami xjentifiku u valutazzjoni fl-2017.

**Dikjarazzjoni minn Franza u Spanja****Opportunitajiet ġodda tas-sajd ICCAT**

Spanja u Franza qed jimpenjaw ruħhom li jniedu diskussjonijiet sabiex jaqblu dwar l-opportunitajiet tas-sajd tal-ICCAT (speċijiet u kwantitajiet) li Spanja ser tittrasferixxi fl-2017 lil Franza b'kumpens għat-62.17 tonnellata ta' marlin blu li Franza ttrasferiet lil Spanja mill-kwota tagħha għall-2017.

**Dikjarazzjonijiet mill-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u Franza****Preferenzi tal-Aja**

Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u Franza huma tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri ġew miftehma fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi tal-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

## **Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**

### **Dikjarazzjoni dwar l-istokkijiet**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li r-regolamenti dwar l-opportunitajiet ta' sajd jinkludu għadd ta' TACs għal stokkijiet li dwarhom hemm informazzjoni limitata dwar l-istat tal-istokkijiet u li huma ta' importanza ekonomika baxxa, jew li jitqiesu biss bħala qabdiet aċċessorji, jew li juru livelli baxxi ta' utilizzazzjoni tal-kwoti. F'dak ir-rigward, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fid-dikjarazzjoni tagħhom dwar stokkijiet bħal dawn li saret fl-2015 u jinnotaw li l-perċezzjoni tal-istat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet ma nbidlitx b'mod sinifikanti matul l-2016. Għaldaqstant il-Kunsill u l-Kummissjoni jkomplu jqisu li huwa adatt li l-qabdiet jiġu limitati għal jew jinżammu taħt il-livelli tat-TAC stabbiliti għall-2015. Għal dan il-għan, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni u l-prerogattivi tal-Kunsill skont l-Artikolu 293(1) TFUE, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li jidher li f'dan l-istadju huwa mixtieq li l-livell tat-TAC tal-2015 għall-istokkijiet imsemmijin hawn taħt jinżamm għall-2017.

Madankollu, il-Kummissjoni ser tkompli taħdem mal-Istati Membri u l-korpi xjentifiċi rilevanti sabiex tittejjeb l-informazzjoni xjentifika dwar dawn l-istokkijiet. Jekk il-perċezzjoni tal-istat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet tinbidel b'mod sinifikanti matul dan il-perijodu, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li dan għandu jiġi kkunsidrat biex jiġu stabbiliti l-livelli tat-TAC għall-2017, kif adatt.

Fl-2016 żewġ stokkijiet tqiesu bħala li għandhom bidliet negattivi sinifikanti u tneħħew mil-lista ta' hawn taħt.

| Isem komuni     | Unità tat-TAC                                       |
|-----------------|-----------------------------------------------------|
| Linarda         | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' II u IV  |
| Linarda         | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' III      |
| Merluzz         | VIb (is-sotto-unità Rockall)                        |
| Lingwata komuni | VI, Vb, ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV      |
| Lingwata komuni | VIIbc                                               |
| Lingwata komuni | VIIhjk                                              |
| Aringa          | VIIef                                               |
| Arġentina silus | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' I u II   |
| Arġentina silus | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' III u IV |

|                    |                                                   |
|--------------------|---------------------------------------------------|
| Lipp               | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' I u II |
| Lipp               | IIIa                                              |
| Lipp               | ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' V      |
| Barbun tat-tbajja' | Vb (ilmijiet tal-UE), VI, XII, XIV                |
| Barbun tat-tbajja' | VIIbc                                             |
| Barbun tat-tbajja' | VIII, IX, X u CECAF 34.1.1                        |
| Pollakkju          | Vb (ilmijiet tal-UE), VI, XII u XIV               |
| Pollakkju          | VIIIc                                             |
| Pollakkju          | IX, X, CECAF 34.1.1 (UE)                          |
| Pollakkju iswed    | VII, VIII, IX, X, CECAF 34.1.1 (KE)               |
| Lingwata           | VIIIcde, IX, X, CECAF (UE)                        |
| Merlangu           | IVIIa                                             |
| Tusk               | IIIa u UE 22-23                                   |
| Tusk               | KE I, II, XIV                                     |
| Tusk               | ilmijiet tal-KE ta' IV                            |

## Dikjarazzjoni minn Franza

### Sajd għall-ispnott fiż-żoni tat-tramuntana (IVbc, VIIa, VIId-h)

Franza tinnota li ilha bosta snin titlob qabda totali permissibbli (TAC) għas-sajd tal-ispnott. Il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) fl-2015, li hu l-bażi għall-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd, wassal għal tnaqqis sinifikanti tal-qabdiet tal-ispnott fiż-żoni IVbc, VIIa u VIId-h. Ittieħed kont tal-vulnerabbiltà soċjoekonomika ta' kull wieħed minn dawn it-tipi ta' sajd, li raw tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità tal-qbid tagħhom.

L-istat tal-istokk ta' spnott fit-Tramuntana huwa l-konsegwenza ta' diversi fatturi. Franza ser toqgħod attenta sabiex l-entitajiet ta' sajd kollha jkunu jistgħu jergħu jibdew l-attività tagħhom ta' sajd għall-ispnott fiż-żona tat-Tramuntana hekk kif il-parir tal-ICES jindika li l-istokk ikun irkupra, abbażi ta' approċċ ibbilanċjat.

### It-3514-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd), li saret fi Brussell fit-23 ta' Jannar 2017

| ATTI LEĠISLATIVI                                                                                                                                                                                                                                                        |          |                        |                                                          |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------|------------------------|----------------------------------------------------------|
| ATT                                                                                                                                                                                                                                                                     | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOTAZZJONI  | VOTI                                                     |
| Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1-18 | 41/16    | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha<br>favur, minbarra:<br>Kontra: UK |

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni appoġġata minn Spanja**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-premessa 45 ma kellhiex tiġi inkluża għar-raġunijiet li ġejjin.

L-ewwel nett, il-premessa mhi relatata mal-ebda terminu normattiv tar-regolament u għaldaqstant ma tikkonformax mal-prinċipji tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. F'dak il-ftehim, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea kkonfermaw li huma jibqgħu impenjati bis-sħiħ għall-ftehim Interistituzzjonali dwar linji gwida komuni għall-kwalità tal-abbozzar tal-leġislazzjoni tal-Komunità, li jistipula li l-għan tal-premessi huwa li jiġu stabbiliti raġunijiet konċiżi għad-dispożizzjonijiet prinċipali tat-termini normattivi, mingħajr ma jiġu riprodotti jew tinbidlilhom il-formulazzjoni, u li l-premessi ma għandhomx jinkludu dispożizzjonijiet normattivi jew eżortazzjonijiet politiċi.

It-tieni nett, il-Kummissjoni tfakkar li l-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE huwa wieħed oġġettiv, minqas fit-Trattat u mhux għad-dispożizzjoni tal-leġislatur tal-Unjoni. Jista' jiġi applikat biss bħala tali mill-Kummissjoni jew mill-qrati nazzjonali f'każijiet speċifiċi, soġġetti għall-kontroll tal-qrati tal-Unjoni.

It-tielet nett, il-formulazzjoni ta' din il-premessa tista' toħloq konfużjoni. B'kunsiderazzjoni għall-kunċett tat-Trattat dwar l-għajjnuna mill-Istat, ma jistax jingħad li l-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura tal-aċċess u tad-difiża kollha li hija aċċessibbli għall-utenti kollha fuq termini uguali u nondiskriminatorji dejjem jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Il-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni turi, pereżempju, li l-finanzjament pubbliku ta' ċerti infrastrutturi tal-aċċess li jinsabu fiż-żona ta' port jista' jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.

### **Dikjarazzjoni konġunta mill-Ġermanja, il-Polonja, il-Belġju u Franza**

Fl-okkażjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet.

Il-Ġermanja, il-Polonja, il-Belġju u Franza jappoġġaw l-oġġettivi li qed jiġu segwiti b'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, huma jilqgħu l-fatt li r-Regolament huwa maħsub biex itejjeb it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet Ewropej u jagħti spinta lill-kompetittività internazzjonali tagħhom.

Il-Ġermanja, il-Polonja, il-Belġju u Franza jagħtu l-approvazzjoni tagħhom għar-Regolament fuq is-suppożizzjoni li l-kompromessi mil-huqa fil-proċedura leġislattiva u d-deċiżjonijiet assoċjati meħuda mil-leġislaturi mhux ser jiġu kontrobalanċjati permezz ta' atti rilevanti oħra, bħar-reviżjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER).

### **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Ir-Renju Unit jilqa' li dan ir-Regolament huwa sinifikament anqas oneruż milli oriġinarjament propost. Madankollu, anke fil-forma emendata tiegħu, ir-Renju Unit jiddispjaċih għall-adozzjoni tiegħu, u jqis li d-dispożizzjonijiet tiegħu (għajr dawk li jippromwovu t-trasparenza tal-finanzjament pubbliku) mhumiex neċessarji u fil-parti l-kbira tagħhom mhux adatti għall-promozzjoni tal-investment u l-effiċjenza tal-portijiet Ewropej, u partikolarment dawk fir-Renju Unit. Minħabba li jemmen li dan ser ikollu effett ħażin fuq il-kompetittività u l-effiċjenza tal-portijiet tiegħu, ir-Renju Unit qed jivvota kontra dan ir-Regolament.

L-esperjenza tas-settur tal-portijiet tar-Renju Unit li huwa deregolamentat, kompetittiv, predominantement privat u fil-parti l-kbira mhux sussidjat f'dawn l-aħħar deċennji turi b'mod konklużiv li portijiet deregolamentati li joperaw f'ambjent ta' kompetizzjoni ġusta, jistgħu u ser jinvestu biex jiżviluppaw skont ir-rekwiżiti tat-trasport attwali u futuri.

## Dikjarazzjoni mill-Italja

Fl-okkażjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet, l-Italja, filwaqt li tappoġġa l-oġġettivi li qed jiġu segwiti b'dan ir-Regolament (b'mod partikolari, hija tilqa' l-fatt li r-Regolament huwa maħsub biex isaħħaħ it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet Ewropej u jagħti spinta lill-kompetittività internazzjonali tagħhom), tixtieq tesprimi t-tħassib tagħha dwar bażi legali possibbli oħra, li għadha qed tiġi diskussa, biex tiġi applikata għall-istess suġġetti (portijiet), potenzjalment inkoerenti mar-regolamentazzjoni tal-Portijiet tal-UE.

Konsegwentement, l-Italja tagħti l-approvazzjoni tagħha lir-Regolament fuq is-suppożizzjoni li l-kompromessi mil-huqa fil-proċedura leġislattiva u d-deċiżjonijiet assoċjati meħuda mil-leġislaturi ma jiġux ipperikolati minn atti jew inizjattivi rilevanti oħra, jiġifieri dawk imwettqa mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni mingħajr il-proċess ta' kodeċiżjoni – bħar-reviżjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) jew l-inkjesta dwar il-funzjonament u t-tassazzjoni tal-portijiet – jekk ma jkunux sottomessi minn qabel għal "test ta' koerenza" f'koordinazzjoni stretta mad-Direttorati Ġenerali kollha involuti.

B'mod partikolari, l-Italja tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-kwistjonijiet pendenti msemmija fil-pożizzjoni komuni (ara l-ittra indirizzata lill-Kummissarji Bulc u Vestager) tal-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Belġju u l-Polonja (jiġifieri definizzjoni ta' infrastruttura tal-portijiet, tammil, il-kunċett ta' "proġett uniku" għall-investimenti kollha mwettqa fl-istess port f'perijodu ta' 3 snin). S'issa ġiet espressament aċċettata biss it-talba mill-Istati Membri biex tiġi rtirata kwalunkwe referenza għat-tul ta' konċessjonijiet. Ġew enfasizzati kwistjonijiet ulterjuri, fir-rigward tal-portijiet, minn bosta Stati Membri fl-okkażjoni tat-tieni konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-GBER kif ukoll tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infrastruttura li ma jidhirx li ttieħed kont dovut tagħhom mill-Kummissjoni Ewropea.

Fuq il-bażi ta' din is-sottovalutazzjoni jidher li hemm estensjoni wiesgħa wisq tal-hekk imsejja sentenza "Leipzig/Halle" li twassal, għall-ewwel darba, biex jiġu inklużi regoli settorjali dwar l-għajnuna mill-Istat fil-GBER mingħajr ma jkunu ġew ittestjati minn qabel permezz tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' linji gwida speċifiċi, kif kien il-każ għall-miżuri mhux vinkolanti l-oħra kollha (dwar l-SMEs, l-għajnuna reġjonali, l-Ambjent & l-Enerġija u oħrajn.).

Għalhekk, l-Italja tneġġegħ lill-KE biex timpenja ruħha biex telabora aktar fuq il-proġetti interrelatati "mhux vinkolanti"/abilitati tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tagħhom, filwaqt li tqis mill-qrib il-fehma tal-Istati Membri u tikkonsultahom mill-ġdid, qabel it-tlestija tal-proċedura ta' adożzjoni, possibbilment permezz ta' laqgħat bilaterali.

|                                                                                                                                                                                              |       |                        |                                                                    |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------|------------------------|--------------------------------------------------------------------|
| Regolament (UE) 2017/353 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jissostitwixxi l-Annessi A u B għar-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza<br>ĠU L 57, 3.3.2017, p. 19-30 | 52/16 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Ma pparteċipawx: DK, IE |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------|------------------------|--------------------------------------------------------------------|

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |                              |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------|
| ATT                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/135 tat-23 ta' Jannar 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1903 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar Baltiku<br>ĠU L 22, 27.1.2017, p. 1–3                                                                            | 5117/17                      |
| Deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma tal-Parteċipanti fl-Arranġament tal-OECD dwar Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tar-Regoli tal-Ipprezzar Abbażi tal-Valuri ta' Referenza tas-Suq                                                | 15691/16                     |
| Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn il-Georgia u l-Europol                                                                                                                                          | 10343/1/16 REV 1             |
| <b>It-3515-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji), li saret fi Brussell fis-27 ta' Jannar 2017</b>                                                                                                                                                                                                     |                              |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |                              |
| ATT                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ fir-rigward ta' ċerti kwistjonijiet li jikkonċernaw il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġ u Żebbuġ tal-Mejda, 2015                                                    | 5108/17                      |
| Deċizzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/154 tas-27 ta' Jannar 2017 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċizzjoni (PESK) 2016/1136<br>ĠU L 23, 28.1.2017, p. 21-24 | 15806/16                     |

|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |          |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------|
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/150 tas-27 ta' Jannar 2017 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1127<br>ĠU L 23, 28.1.2017, p. 3-6 | 15807/16 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Lussemburgu dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data                                                                                                                | 5726/17  |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mil-Lussemburgu                                                                                              | 5727/17  |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-Kroazja bl-għan li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data                                                                        | 5725/17  |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Italja dwar l-applikazzjoni tal-acquis fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen                                                                                                                | 5728/17  |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: Semestru Ewropew 2017 - Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: Gwida makroekonomika u fiskali għall-Istati Membri                                                                                                                                                                                                                      | 5734/17  |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2017                                                                                                                                                                                                                                                                                      | 5735/17  |
| Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro                                                                                                                                                                                                                                                                     | 5194/17  |